MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-6 ta' Frar, 2008

Mandat Numru. 26/2008/1

**Ghasan Kaseb , Adal Kaseb u Abouzidan Nadim f`isimhom propju u ghan-nom u in rapprezentanza ta` binhom minuri Rayan Abou Zidan**

**vs**

**Il-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates, il-Kummissarju tal-Pulizija u l-Ufficjal Principali ghall-Imigrazzjoni**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors.

Rat ir-risposta.

Rat id-dokumenti esibiti.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet.

Semghet lid-difensuri.

Ikkunsidrat illi r-rikorrenti odjerni qed jitolbu l-Qorti twaqqaf lill-Principal tad-Dipartiment tac-Cittadinanza u l-Expatriates milli jaghti ordni biex jinhargu minn Malta Adal Kaseb Abouzidan Nadim u l-minuri Rayan Abou Zidan. Dawn it-tlieta huma familjari tar-rikorrent Ghasan Kaseb. Jigu bintu, zewgha u n-neputi tieghu.

Il-ligi permezz tal-Art. 873 tal-Kap. 12 tipprovdi s-segwenti fil-materja ta` hrug ta` mandat ta` inibizzjoni:

***"873.** (1) L-iskop tal-mandat ta` inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun jew li tista` tkun ta` pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-Qorti m`ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

*(3) Il-Qorti m`ghandha tohrog ebda mandat bhal dak kontra l-Gvern jew awtorita` mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew xi persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga ufficjali taghha kemm-il darba l-awtorita` jew il-persuna li kontra taghha jintalab il-mandat ma tikkonfermax fil-Qorti bil-miftuh li l-haga li qed tintalab li tigi mizmuma tkun fil-fatt mahsuba li ssir, u l-Qorti tkun sodisfatta, wara li tisma` l-ispjegazzjonijiet moghtija, li kemm-il darba ma jinharigx il-mandat, il-pregudizzju li jinholoq lil min ikun qed jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma` l-istess ghemil tal-haga li qed tintalab li tigi mizmuma".*

Il-Qorti tibda` biex tezamina jekk ir-rikorrenti ghandhomx imqar *prima facie*, d-drittijiet li jghidu li ghandhom. Ir-rikorrenti qed jibbazaw it-talba taghhom fuq l-Art. 32 u 45 tal-Kostituzzjoni, ksur tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti tiddikjara mal-ewwel l-inapplikabilita` tal-Art. 32 tal-Kostituzzjoni.

Ghar-rigward tal-Art. 45 tal-Kostituzzjoni, il-Qorti hi tal-fehma li ma ngab quddiemha ebda fatt li jista` juri li qed jigu r-rikorrenti ttrattati b`mod diskriminatorju. Huma ma pprecizaw ebda bazi li fuqha qed jallegaw diskriminazzjoni. Lanqas ma ngabu quddiem il-Qorti ebda fatti li jistghu jwasslu ghall-ksur tad-dritt sancit bl-Art. 14 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti kkonsidrat fit-tul, l-allegazzjoni tar-rikorrenti li jekk jitkeccew it-tlett rikorrenti msemmija minn Malta, dan ikun bi ksur tad-drittijiet taghhom skond l-Art. 8 tal-Konvenzjoni. F`dan il-kuntest, il-Qorti tinnota li trid issir distinzjoni, bejn l-obbligazzjoni tal-istat li jirrispetta l-hajja familjari u d-dritt li wiehed jistabbilixxi hajja familjari f`gurisdizzjoni partikolari.

Il-Qorti ma tistax taccetta li r-rikorrenti Adal Kaseb Abouzidan Nadim u Rayan Abou Zidan ghandhom hajja familjari ma missierhom stabbilita hawn Malta. Missier Abal Kaseb ilu hawn ghaxar snin. Bintu issa ghandha wiehed u ghoxrin sena. Ilha Malta biss ftit xhur u ghandha n-nukleu familjari taghha ma` zewgha. Din il-familja giet stabbilita s-Sirja, u dan skond id-dikjarazzjonijiet li ghamlu r-rikorrenti stess mal-awtoritajiet Maltin. Il-koppja ilha hawn xi xhur biss ghaliex kellha problemi fit-tqala. Wiehed isibha difficli jifhem kif Ghasan Kaseb issa ghandu din il-herqa kollha jghaqqad l-ewwel familja tieghu meta ma ppruvax jaghmel dan qabel.

Adel Kaseb, zewgha u binha ma jidhru bl-ebda mod li ghandhom *“long and well established family life”* f`Malta.

Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li r-rikorrenti ma rnexxielhomx jippruvaw, lanqas *prima facie*, li ghandhom id-drittijiet li qed jghidu li ghandhom. Ghalhekk il-Qorti m`hijiex ser tindaga oltre f`dan il-kaz.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tad-9 ta` Jannar, 2008 u tichad it-talba bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------